MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 16/1999/1

***Il-Kummissarju tal-Artijiet***

***Vs***

***Stanislaw Cassar,
Maria Assunta Cassar***

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet qal (fol 1).

1. Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta' Novembru 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Hal Qormi tal-kejl ta' cirka 47 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant ma' Triq Bellic, mill-Punent ma' proprjeta' ta' Antonio Cassar u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Guzeppi Cassar huwa ta' elfejn tlett mija u disghin Lira Maltija (Lm2390) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A. & C.E. tat-2 ta'

Ottubru 1998 li kopja tieghu ‘Dok A’ hija anness ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b’ittra ufficjali tas-26 ta’ Novembru 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw lima jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r-risposta ta’ l-intimai (fol 3).

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u qed jigi ndikat b’mod vantaggjuz fil-konfront tieghu a spejjez tal-istess esponenti;

Illi s-sit in kwistjoni hija art fabrikabbli u bil-prezzijiet odjern f’dawk l-akkwati, l-valur tal-art meritu ta’ din il-kawza hu ferm konsidervoli milli dak li qed jigi suggerit mir-rikorrent.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u in vista tal-fatt li t-talba tal-esponenti timmerita konsiderazzjoni serja, ir-rikors tar-rikorrent ghandu jigi michud.

Ra d-digrit tieghu (diversament presedut) tas-17 ta’ Dicembru 2000 li bih gew mahtura l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace a tenur ta’ l-Artikolu 25 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li d-dikjarazzjoni tal-President u l-Avviz ghall-ftehim gew regolarment notifikati.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra,

1. L-imsemmija periti wara li fil-5 ta' Novembru 2000 marru fuq il-proprjeta' biex ikollhom taghrif ahjar u wara li kkonsidra x'jghid il-Kap 88 tal-Ligijiet a' Malta partikolarment l-art 27 stmaw il-proprjeta' bhala fabbrikabbli fl-ammont ta' sebat elef hames mija u tmenin lira Maltija (lm7,580). Ir-relazzjoni tal-periti ghada taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors u jordna favur ir-rikorrenti it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut bil-valur fuq imsemmi ta' sebat elef hames mija u tmenin lira Maltija (Lm7,580) ta' l-art f'Hal Qormi tal-kejl ta' cirka 47 metri kwadri li tmiss mal-Lvant ma' Triq Bellic, mill-Punent ma' proprjeta' ta' Antonio Cassar u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Guzeppi Cassar ippjanata mill-AIC Frederick H. Valentino fit-2 ta' Ottubru 1998 liema pjanta tinsab mehmuza ma' l-Avviz ghall-ftehim.

Jahtar lin-Nutar Dottor Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fid-19 ta' April 2004 fit-3:00 p.m. u fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-Avukatessa Charmaine Zammit biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ta' dan il-procedura u dawk tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------